



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2017/2044(BUD)

31.8.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Bagħits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018
(2017/2044(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Adina-Ioana Vălean

PA_NonLeg

PE604.869v03-00

2/6

AD\1133132MT.docx

MT

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li 19,5 % tal-impenji totali fl-abbozz ta' baġit għall-2018 (AB 2018) huma relatati mal-klima u li x-xejra tal-baġit hi li l-Unjoni tiddedika biss 18,8 % għal perjodu tal-QFP; jenfasizza li għandu jsir kull sforz biex tintlaħaq il-mira ta' 20 %;
2. Ifakk li skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hemm riskju serju li l-mira għall-klima ta' 20 % fil-Baġit tal-Unjoni mhux se tintlaħaq, filwaqt li skont iċ-ċifri tal-Kummissjoni, is-sehem ta' finanzjament iddedikat għall-azzjoni klimatika laħaq biss medja ta' 17,6 % matul il-perjodu mill-2014 sal-2016; jikkondividli l-fekha tal-QEA li rrata ta' finanzjament għall-klima jeħtieġ li tiżdied għal medja ta' 22 % tul il-bqija tas-snin tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, jiġifieri mill-2017 sal-2020, sabiex tintlaħaq il-mira globali ta' 20 % sal-aħħar tal-2020; ifakk li f'Marzu 2017, l-ECOFIN talab ukoll lill-Istati Membri jonfqu ammont oħħla bħala finanzjament għall-klima mill-baġit tal-Unjoni matul il-bqija tal-perjodu tal-QFP attwali, minħabba l-impenji addizzjonali li ttieħdu fil-COP 21 f'Pariġi;
3. Itenni li l-kisba tal-għanijiet stipulati fl-istrateġija Ewropa 2020 tiddependi fuq l-integrazzjoni tal-klima u tal-użu effiċċenti tar-riżorsi fil-politiki kollha tal-Unjoni; il-baġit tal-Unjoni jrid jappoġġja wkoll l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;
4. Jemmen li l-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni, inkluż mill-FEIS, ma għandux ikollhom impatt negattiv fuq it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; għaldaqstant hemm bżonn li jsir tgħarbil komprensiv tal-baġit tal-Unjoni sabiex jiġi identifikat l-infiq li qed jagħmel ħsara mil-lat ambjentali u biex tīgi żviluppata u jittieħed impenn favur strateġija li ttemm gradwalment dan il-finanzjament;
5. Jinnota li 8,2 % tal-impenji totali huma destinati biex ibiddlu r-rotta tat-telf fil-bijodiversità; jitlob li jkunu allokati riżorsi suffiċċenti għall-protezzjoni tal-bijodiversità;
6. Jinnota ż-żieda ta' EUR 29,1 miljun f'impenji għall-programm LIFE (+ 5,9 %); jiddispjaċihi li l-programm LIFE jirrappreżenta biss 0,3 % tal-AB 2018;
7. Jinsab imħasseb minħabba li l-Kummissjoni biċċsiebha tirrialloka EUR 2 miljun ta' fondi disponibbli taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u EUR 1,5 miljun ta' fondi disponibbli taħt il-programm LIFE għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-riallokazzjoni tal-fondi mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u mill-programm LIFE għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà bl-ebda mod ma ddgħajjef il-funzjonament ta' dawk il-programmi, jew ixxekkel jew iddewwem l-inizjattivi u l-azzjonijiet varji previsti b'rabta mal-protezzjoni ċivili u mal-ambjent, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-adattament għall-klima;
8. Jesprimi tħassib dwar it-naqqis ta' 13,1 % fil-pagamenti tal-programm LIFE; iwissi dwar il-problemi li jistgħu jirriżultaw minn nuqqas ta' pagamenti;

9. Jieħu nota tal-ammont ta' EUR 66,4 miljun proposti f'impenji (+ 2,9 %) u ta' EUR 55,9 miljun f'pagamenti (-3,1 %) għas-saħħha; jiddispjaċih li dan jammonta biss għal 0,04 % tal-AB 2018 u għal 1,5 % tal-Intestatura 3 (f'impenji);
10. Jieħu nota tal-ammont ta' EUR 286,7 miljun proposti f'impenji (+11,9 %) u ta' EUR 248,4 miljun f'pagamenti (+5,9 %) għall-ikel u l-għalf; jiddispjaċih li dan jammonta biss għal 0,18 % tal-AB 2018 u għal 7 % tal-Intestatura 3 (f'impenji);
11. Jinnota ż-żieda fl-impenji ġħall-Mekkaniżmu tal-Unjoni ġħall-Protezzjoni Ċivili (EUR 33,2 miljun, + 7,2 %), li huwa element essenzjali tas-solidarjetà tal-Unjoni;
12. Jiddiżapprova b'mod qawwi t-tnaqqis tal-persunal tal-EEA (-3 karigi), l-ECHA (-2), l-ECDC (-2), l-EFSA (-4) u l-EMA (-5), li, peress li l-kompli u d-dmirijiet ta' dawk l-aġenzi qed jiżdiedu, kważi inevitabilment dan se jħalli impatt negattiv fuq il-ħidma tagħhom; jesīġi li dawn għandhom jirċievu riżorsi umani u finanzjarji adegwati; barra minn hekk, jinsab imħasseb minħabba li fil-każ tal-aġenzi ffinanzjati permezz tal-miżati, bħalma hija l-EMA, it-tnaqqis fil-persunal impost fis-snin reċenti wassal għal tnaqqis fil-persunal li jaħdem fuq kompli li fil-fatt huma ffinanzjati permezz tal-miżati tal-parteċipanti u mhux mill-baġit tal-Unjoni; dan it-tnaqqis sar mingħajr kunsiderazzjoni la tal-ammont żejjed ta' xogħol li nħoloq biż-żieda fl-ġħadd ta' applikazzjonijiet, u lanqas taż-żieda korrispondenti fid-dħul mill-miżati mħallsa mill-applikanti għas-servizzi pprovduti li seta' ta lok għal żieda fil-persunal mingħajr impatt fuq il-baġit tal-Unjoni;
13. Ifakkarr b'mod partikolari li l-EEA tgħin lill-Unjoni tieħu deċiżjonijiet infurmati dwar it-titħejja tal-ambjent, tal-integrazzjoni tal-kunsiderazzjoni ambjentali fil-politiki ekonomiċi u tal-progress lejn is-sostenibilità, u li fil-kuntest tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija 2030, il-Kummissjon pproponiet ħidma ġdidha għall-EEA dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, mingħajr ebda żieda korrispondenti fl-organigramma;
14. Jinnota b'mod partikolari li l-EMA sejkollha tħabbat wiċċha ma' ammont ta' xogħol ikbar u ħtiġjiet baġitarji ulterjuri fl-2018 b'konsegwenza tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li jirtira mill-Unjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex fl-2018 tagħmel disponibbli riżorsi baġitarji u persunal addizzjonali sabiex jiġi żgurat li l-Aġenzijsa tkun tista' tkompli twettaq il-kompli tagħha b'mod effettiv kif ukoll tniedi l-attivitàajiet meħtieġa kollha fi tħejjija għar-rilokazjoni tagħha fl-2019; jipproponi għalhekk, li l-EMA, fl-ispirtu tal-ġestjoni finanzjarja tajba, tkun awtorizzata żżomm riżerva baġitarja sabiex tirreaġixxi għal spejjeż mhux previsti li jista' jkollha fl-2018 jew wara din is-sena, bħal pereżempju minħabba flutwazzjonijiet mhux favorevoli fir-rata tal-kambju;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex malajr kemm jista' jkun timplimenta proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PP-AP) u jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja b'mod kontinwu l-proġetti pilota li għaddejjin kif ukoll dawk ġoddha;
16. Ifakkarr li l-PP-AP għandhom jirċievu finanzjament adegwat matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-potenzjal shiħi tagħhom.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	31.8.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 51 11 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Catherine Bearder, Ivo Belet, Simona Bonafè, Paul Brannen, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Mireille D'Ornano, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, Bas Eickhout, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Arne Gericke, Jens Gieseke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Anneli Jääteenmäki, Jean-François Jalkh, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Urszula Krupa, Jo Leinen, Peter Liese, Susanne Melior, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Frédérique Ries, Davor Škrlec, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Estefanía Torres Martínez, Damiano Zoffoli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Nicola Caputo, Albert Deß, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Christofer Fjellner, Luke Ming Flanagan, Stefano Maullu, Gesine Meissner, Joëlle Mélin, James Nicholson, Younous Omarjee, Marijana Petir, Stanislav Polčák, Christel Schaldemose, Tibor Szanyi, Keith Taylor, Tiemo Wölken, Carlos Zorrinho
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jonathan Bullock, Olle Ludvigsson

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

51	+
ALDE	Catherine Bearder, Gerben-Jan Gerbrandy, Anneli Jääteenmäki, Gesine Meissner, Frédérique Ries
GUE/NGL	Stefan Eck, Luke Ming Flanagan, Kateřina Konečná, Younous Omarjee, Estefanía Torres Martínez
NI	Zoltán Balczó
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, Angélique Delahaye, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Christofer Fjellner, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Françoise Grossetête, Peter Liese, Stefano Maullu, Marijana Petir, Stanislav Polčák, Ivica Tolić
S&D	Simona Bonafè, Paul Brannen, Nicola Caputo, Nessa Childers, Miriam Dalli, Seb Dance, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Olle Ludvigsson, Susanne Melior, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Christel Schaldemose, Tibor Szanyi, Claudiu Ciprian Tănasescu, Tiemo Wölken, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Marco Affronte, Bas Eickhout, Benedek Jávor, Davor Škrlec, Keith Taylor

11	-
ECR	Mark Demesmaeker, Jørn Dohrmann, Arne Gericke, Julie Girling, Urszula Krupa, James Nicholson, Bolesław G. Piecha
EFDD	Jonathan Bullock
ENF	Mireille D'Ornano, Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin

1	0
EFDD	Piernicola Pedicini

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni